# L-Ewwel Taqsima



## TERANI

*… u malli tgħib ix-xemx wara xefaq aħmar, it-tfal kienu jduru max-xwejjaħ tad-daqna bajda u waqt li l-ilsna tan-nar tal-ħatab itaffu s-sirda tal-lejl, kienu jitolbuh jgħidilhom storja miż-żmien ta' qabel ma d-dinja saret kif inhi.*

*"Kien żmien ta' sħarijiet," kien jgħid, "ta' bliet kbar mimlijin b'għeġubijiet li qatt aktar ma naraw bħalhom. Imma l-akbar fost il-bliet kienet Terani — il-belt tat-twajjeb Sultan Abadnari.*

*"Huma ħafna l-istejjer li nista' ngħidilkom fuq dik il-belt, in-nies tagħha, u dawk kollha li kienu jiġu fiha, inkella jgħaddu minnha waqt il-vjaġġ tagħhom.*

*"Illejla ngħidilkom fuq wieħed minn dawn il-vjaġġaturi. Mela darba …"*

# IR-RAĠEL IMSAĦĦAB

Kien jum ta' xemx taħraq fil-belt ta' Terani. In-nies kienet barra bi ħġarha. Il-bejjiegħa jgħajtu b'ħanġra daqsiex fis-suq in-naħa t'isfel tal-belt, it-tfal u l-klieb jiġru ma' kullimkien, jimlew l-arja b'leħinhom tiela' u nieżel bħal mewġa. Saħansitra s-Sultan Abadnari f'ħin minnhom deher fil-gallarija tal-palazz tiegħu, jifraħ bl-hena tan-nies ta' beltu. Jiem bħal dawk kienu jagħmluh hieni, u iżża ħajr lil Samni, l-alla tax-xemx, talli għoġbu jkun daqshekk ħanin mad-dinja.

Is-suq ta' Terani kien twil żewġ toroq twal sew u mdawrin minn kull naħa bit-tined ta' bejjiegħa ta' kull xorta ta' ħwejjeġ. Minn żraben tal-ġild

tal-gremxul, sa ikel ta' kull għamla kienu kollha mifruxa fuq imwejjed imħarbta, imħarsa minn kull xeħta ta' bejjiegħa. U kull wieħed kien iwerżaq kemm jiflaħ biex jiġbed ix-xerrejja lejn ħanutu. In-nies, f'geġwiġija t'ilħna u lwien, daret mat-tined bħan-nemel ma' dabra għasel, u kulħadd għax-xirja.

Dak il-ħin feġġ ir-raġel imsaħħab.

Ħadd ma lemħu għall-ewwel, għax kulħadd kien mehdi f'xogħlu, imma meta fl-aħħar rah xi ħadd, ma damitx ma ġriet il-kelma mas-suq kollu, u kulħadd waqaf biex jarah. In-nies t'hemm kollha kienu semgħu bir-raġel imsaħħab, imma ftit minnhom kienu rawh.

Ir-raġel imsaħħab kien raġel twil u rqiq, liebes ħwejjeġ imċerċra u bla lewn. Wiċċu kien mixrub tant li għadmu kien jidher abjad minn taħt il-ġilda rqiqa. Fuq rasu kellu sħaba sewda. Sħaba li kienet tgħatti lilu biss u 'l ħadd aktar, u li kienet tiġri miegħu kull fejn kien imur. Kultant kienet tberraq u minnha tinżel ħalba xita għal fuq ir-raġel, li kien iġarrabha bis-sabar kollu.



Issa kien wasal ħdejn it-tinda tal-bejjiegħ tal-ħobż u talbu jagħtih żewġ ħobżiet.

"Hawn int," qallu l-furnar jagħtihomlu, "dawk iqumu biċċa tal-fidda."

"Flus m'għandix," qallu r-raġel imsaħħab b'wiċċ imdejjaq, "imma jekk tagħtihomli ngħid-lek l-istorja tiegħi."

Ħafna kienu diġà jafuha l-istorja tar-raġel imsaħħab, imma xorta daru qaqoċċa miegħu biex jisimgħuh, u l-furnar, meta ntebaħ li b'dawn in-nies kollha ħdejn it-tinda tiegħu kien se jmur tajjeb żgur fil-bejgħ, tah il-ħobżtejn. Ir-raġel beda.

"Meta kont żagħżugħ kont il-prinċep ta' belt imbiegħda f'pajjiż fejn ħlief xita ma kienx hemm. Xita filgħodu. Xita filgħaxija. Xita billejl. Dejjem l-istess. Wasal żmien meta ma flaħtx nissaportiha nieżla aktar. Tatni rasi u għajjatt li kont lest li nagħti kollox biex ingawdi x-xemx imqar għal ġimgħa sħiħa.

"Dak il-ħin inzerta għaddej wieħed saħħar, u xħin sema' kliemi waqaf.

"'Kollox, għedt?' staqsieni.

"'Kollox,' għedtlu jien, u lanqas ilħaqt lissint

il-kelma li s-sħab ma għebx u x-xemx iddiet f'sema ikħal.

"Kienet ġimgħa ta' festi kbar fil-belt tiegħi, għax qatt qabel ma kien hemm daqshekk jiem bla xita, imma meta għaddew is-sebat ijiem, dak is-saħħar deher ħabta u sabta f'kamarti.

"'Qtajtlek xewqtek,' qalli, 'issa jenħtieġ li tħallasni.'

"Imma l-ġimgħa xalar kienet battlet il-kaxxa tal-belt, u meta s-saħħar sar jaf li ma kellniex flus x'nagħtuh, irrabja tgħidx kemm, għeb f'daqqa waħda f'berqa ħadra, imma qabel ma mar sejjaħ din is-sħaba sewda għal fuq rasi, u minn dak iż-żmien 'l hawn għadha ma telqitni qatt. Tant li kelli nitlaq mill-belt tiegħi u niġġerra nfittex kura mad-dinja kollha."

Hekk kif temm l-istorja tiegħu, berqa kbira qabżet mis-sħaba u ħalba xita faqqgħet fuq ras ir-raġel, li, mingħajr kelma oħra, ħa ż-żewġ ħobżiet u telaq lejn il-bosk 'l hinn minn Terani.

Jgħidu li għadu jdur mad-dinja, ifittex lil dak is-saħħar biex jitolbu maħfra, imma jekk għadx isibu jew le ħadd ma jaf. Għamel x'għamel qatt

ma reġa' lura fis-saltna ta' Abadnari, għalkemm huma ħafna dawk in-nies f'dik il-belt li għadhom isemmu l-jum meta r-raġel imsaħħab kien żar is-suq ta' Terani.

*In-nar kien għoddu ntefa hekk kif ix-xwejjaħ temm kliemu. Imma t-tfal ngħas ma kellhomx u xi ħadd tefa' għasluġ ieħor fuq il-ġmamar li ħeġġew f'daqqa u reġgħu mlew il-lejl b'dellijiet jiżfnu.*

*"Intom tafuh ir-riħ," kien qed jerġa' jitkellem ix-xiħ, "dak li jvenven qalb is-siġar u fil-widien itajrilkom xagħarkom. Tistagħġbu tkunu tafu li l-irjieħ mhux dejjem kienu kif tafuhom intom."*